

# 1 Jenny

Kif jiġru l-affarijiet, hux! Kollox beda aħna u telqin minn Franza (fejn noqogħdu) lejn l-Ingilterra. Imbagħad, meta tqis li kieku l-mamà ma xtratx żveljarin ġdid jumejn qabel ma kellna nitilqu, u kieku l-istruzzjonijiet tiegħu kienu bil-Franċiż minflok bil-Korean, kieku konna nqumu fil-ħin! Insomma, biex naqtgħuha fil-qasir, kieku konna nilħquh dak l-ajruplan! Konna nitilqu mal-bqija tal-grupp,

kif suppost! U nevitaw li ngħaddu minn dak kollu li għaddejna minnu … tal-imġienen.

Insomma, li ġara, fi ftit kliem, kien li sħabna kollha li konna sejrin magħhom għall-kors tal-lingwi l-Ingilterra taru fil-ħin, f'nofsinhar, ħlief aħna t-tliet beżżuliet: Michka, Yann u jien. Aħna bqajna l-art, bejn il-bagalji u l-ġenituri tagħna, qalbna maqsuma. Tant kont bla nifs u



rrabjata li konna tlifna t-titjira bi żbrixx li bqajt imsammra f'nofs is-sala tat-tluq, għajnejja jħarsu 'l isfel, wiċċi stirat, bagalja fuq kull sieq, u ma stajtx nieħu pass la naħa u lanqas l-oħra.

"Ejja, Jenny, ejja, issa għalxejn tibqa' hemm!" qalli Michka.

"Qed tidher ftramba, kulħadd qed iħaref lejna," żied Yann huwa u jiġbidni minn driegħi.

Mingħajrhom kont żgur naqta' qalbi: kont nispiċċa nqatta' l-vaganzi tal-Għid midfuna fis-sufan, kemm noħroġ ftit idejja biex inċaqlaq ħarira l-*joystick*. Iżda fl-aħħar, wara li kulħadd eżamina s-soluzzjonijiet kollha possibbli, tlaqna lura d-dar u l-ġenituri tagħna xtrawlna malajr malajr il-biljetti tal-ferrovija għal Londra. Eħe, tal-ferrovija: ċuu ċuu! – meta tqis li stajna qbadna l-ajruplan, bħan-nies normali. X'rabja!

"Eħħ, għadkom ma tistgħux timmaġinaw kemm jiena rrabjata miegħi nnifsi!" ma waqfitx tgerger ommi.

Kemm iddispjaċieha li ma kinitx qamet fil-

ħin! Il-papà, li bħas-soltu ma kienx hemm, ma tantx seta' jkun ta' appoġġ għalina … u lanqas il-ġenituri ta' Yann, li ma setgħux jiddeċiedu kinitx idea tajba jew le li jibagħtuna l-Ingilterra bil-ferrovija:

"Mina li tgħaddi minn taħt iċ-Channel?"

"Ma tantx hija distanza kbira, veru, imma toqgħod tqis ara x'volum kbir ta' ilma se jkun hemm fuq rashom!"

"Imbagħad xħin jaslu se jkunu totalment mitlufin!"

B'xorti tajba, il-ġenituri ta' Michka kienu t-tip ta' nies li xejn ma jaqtgħalhom qalbhom. Kien kollu bis-saħħa tagħhom li fl-aħħar, siegħa wara, sibna ruħna kollha fuq il-pjattaforma t-tajba fl-istazzjon it-tajjeb, u minn hemm irkibna l-Eurostar dirett lejn Londra.

"Tajjeb, nistgħu npoġġu issa?"

Ma flaħtx iktar. Intlaqt fuq is-siġġu komdu riżervat tiegħi. Kelli l-impressjoni li konna ilna li tlaqna xi sitt ijiem, dorna l-pajjiż kollu biex